Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2009

Appell Civili Numru. 211/1995/1

**Norman Buckle fil-kwalita` tieghu ta’ direttur tas-socjeta` Chevron Limited ghan-nom u in raprezentanza tal-istess u Norman Buckle u Victor Balzan fil-kwalita` taghhom ta’ diretturi tas-socjeta` B and B Property Development Company Limited ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess**

**v.**

**Joseph Borg fil-kwalita` tieghu ta’ direttur tas-socjeta` JEM Investments Limited ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess kif ukoll l-istess Joseph Borg bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija Marks & Charles Limited**

**Il-Qorti:**
**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata quddiem l-allura Qorti tal-Kummerc fis-16 ta' Frar, 1995, l-atturi ppremettew illi b'att tas-27 ta' Settembru, 1986 fl-atti tan-Nutar Dr. Victor John Bisazza, is-socjeta` attrici Chevron Limited kienet ikkostitwiet ruhha veru, certa u likwida debitrici tas-socjeta` konvenuta JEM Investments Limited fl-ammont ta' mitejn u hamsa u tmenin elf Lira Maltin liema ammont kellu jithallas skond il-kondizzjonijiet kollha stipulati f'dak il-kuntratt; illi b'dak l-istess kuntratt is-socjeta` attrici B and B Property Development Company Limited ggarantit solidalment il-hlas ta' dak id-dejn lis-socjeta` konvenuta; illi dan l-imsemmi kuntratt ta' mutwu kien jaghmel referenza u jikkondizzjona l-pagament ghall-kondizzjonijiet imsemmija b'kuntratt iehor kontestwalment konkjuz bejn il-partijiet tal-istess data 27 ta' Settembru, 1986 fl-atti tan-nutar Dr. Victor John Bisazza; illi b'dan l-ahhar att il-konvenut, Joseph Borg, kemm fil-kwalita` tieghu proprju kif ukoll bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` JEM Investments Limited, kien obbliga ruhu li jlesti, fi zmien tlett xhur mill-guranta ta' dak il-kuntratt ghall-awditur tas-socjetajiet  in kwistjoni il-kontijiet kollha tas-socjetajiet ghall-perjodu kollu sa Dicembru tal-1985; illi l-konvenut baqa ma ppreparax dawn il-kontijiet u b'hekk gie in mora ghar-rigward tal-obbligazzjonijiet kontrattwali minnu assunti mill-precitati kuntratti; illi mill-gurnata ta' dawn il-kuntratti saru diversi pagamenti mis-socjeta` attrici b'mod li s-socjeta` konvenuta hija kreditrici tas-socjetajiet attrici f'somma ferm inferjuri ghal dawk stipulati bil-fuq imsemmi kuntratti; illi s-socjetajiet konvenuti qeghdin igawdu favur taghhom diversi drittijiet ipotekarji kif stabbiliti fl-istess fuq imsemmija kuntratti in garanzija tal-pagament tal-mutwu fuq imsemmi u dan kif jidher mill-kopja tan-noti ipotekarji hawn esebiti u mmarkati Dokument C; illi s-socjetajiet attrici ghandhom negozju tal-proprjeta` minnhom ipotekata u offrew lill-konvenuti noti garanzija bankarja ghal kull ammont bilancjali li tal-volta jista jkun minnhom dovut biex titnehha l-istess ipoteka; illi

l-konvenuti qeghdin jirrifjutaw li jaghmlu dan. Dan premess l-atturi talbu lil dik il-Qorti biex:-

(1) tillikwida l-ammont li ghadu mhux mhallas mis-socjetajiet attrici lis-socjetajiet konvenuti;

(2) tiddikjara lill-konvenut nomine moruz fil-adempitment tal-obbligi kontrattwali minnu assunti kif fuq inghad;

(3) tiddikjara konsegwentement li s-socjetajiet attrici mhux obbligati jiffettwaw ebda pagament sakemm il-konvenuti jibqghu moruzi fil-qadi tal-obbligi minnhom assunti kif fuq inghad;

(4) tikkundanna konsegwentement lill-konvenuti nomine biex wara li jirriducu l-ipoteki taghhom ghall-ammont fuq likwidat jipprocedu ghall-kancellament tal-istess kontra l-ghoti ta’ garanzija bankarja ghall-pagament meta dan jsir dovut;

(5) tinnomina nutar biex jippubblika l-att relattiv mehtieg u kuraturi deputati biex jidhru ghall-eventwali kontumaci fuq l-atti;

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni;

B’nota pprezentata fit-30 ta’ Mejju, 1995 (fol 22) is-socjetajiet konvenuti eccepew :

1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenut nomine diga` ddeduca t-talbiet tieghu kontra l-attur nomine ghall-hlas tas-somma minnu pretiza u dan skond zewg citazzjonjiet numri 64/90 (F) Deciza fil-15 ta’ Ottubru 1993 u soggetta ghall-appell numru 497/93 li ghadu mhux appuntat, u 672/92 (AM) differita ghas-smigh ghas-seduta tat-30 ta’ Mejju 1995.

2. Illi bla pregudizzju ghal premess, il-kuntratt tas-27 ta’ Settembru 1986 jistipula illi “l-komparenti Joseph Borg proprio et nomine jobbliga ruhu li jlesti fi zmien tlett xhur mil-lum l-*accounts* ghall-Awditur tas-socjetajiet in kwistjoni

ghall-perjodu kollu sa Dicembru 1985 u dan bl-istess mod li huwa kien jipprepara u jlesti dawn l-*accounts* fi snin tas-sena 1981”.

3. Illi dawn l-*accounts* ilhom ippreparati ghand Michael Scerri, l-Awditur tas-socjetajiet ghal aktar minn tmien snin u hija l-inadempjenza tal-attur nomine li ma ffinalizzawx l-istess *accounts*.

4. Illi l-ebda kancellament ta’ ipoteka ma tista’ ssir qabel ma l-konvenut nomine jithallas tad-debitu dovut minnu u qabel ma l-penali u danni kif dedotti fl-istess kuntratt jigu likwidati minn din il-Qorti fil-kontro-talba annessa ma’ din ic-citazzjoni;

5. Illi inoltre kif stabbilit fil-kuntratt fuq imsemmi t-trattattivi mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni in konnessjoni ma’ taxxi u multi li jistghu jkunu dovuti sal-imsemmija data u cioe` sal-31 ta’ Dicembru 1985 ghandhom jitmexxew mill-*Accountant* Michael Scerri in kollaborazzjoni mal-istess kontendenti;

6. Salv eccezzjonijiet ohra.

Kontestwalment man-nota tal-eccezzjonijiet taghhom is-socjetajiet konvenuti ressqu kontro-talba li in forza taghha, wara li ppremettew illi s-socjeta` attrici u cioe` Chevron Limited ikkostitwiet ruha debitrici tal-konvenut nomine J.E.M. Investments Limited taht dawk il-pattijiet u kundizzjonjiet kollha kif stipulati b’kuntratt tas-27 ta’ Settembru 1986 fl-atti tan-Nutar Dott. Victor John Bisazza (li kopja tieghu giet annessa u immarkata bhala Dokument JB1); illi wahda mill-kundizzjonijiet tal-kuntratt fuq imsemmi s-socjeta` attrici Chevron Limited obbligat ruhha versu l-konvenut nomine J.E.M. Investments Limited illi mal-kuntratt ta’ trasferiment ta’ proprjeta` immobbiljari li tkun tappartjeni lil xi wahda mis-socjetajiet u cioe` B & B Developments Limited, Paola Development Co. Ltd., Bastion Properties Co. Ltd., J & V Finance and Investments Limited, EsseBee Limited u University Heights Company Limited jghaddi lill-istess konvenut nomine nofs il-valur tal-proprjeta` trasferita wara li minn l-

istess valur tkun dedotta l-parti percepibbli lill-Bank kif spjegat fl-istess kuntratt u dan fi zmien gimgha minn kull trasferiment relattiv; illi l-attur nomine obbliga ruhu li fi zmien gimgha minn kull trasferiment jiddeposita fil-kont tas-socjeta` konvenuta fil-Lombard Bank indikat lill-attur nomine mill-istess konvenut; illi l-attur nomine obbliga ruhu illi f’kaz illi dawn id-depositi ma jigux effettwati fi zmien preskritt ta’ gimgha jkun soggett ihallas lill-konvenut nomine penali ta’ Lm50 ghall-ewwel gimgha jew parti minnha u l-istss penali ghal kull gimgha sussegwenti jew parti minnha bhala danni likwidati; illi l-attur nomine obbliga ruhu li jghaddi kopja legali ta’ kull trasferiment ta’ proprjeta` maghmul mis-socjetajiet fuq indikati u dan sa kemm ikun thallas id-debitu kollu skond il-kuntratt ta’ self fuq imsemmi u cioe` tas-27 ta’ Setteembru 1986 fl-atti tan-Nutar Dott. Victor John Bisazza taht penali ta’ Lm10 ghal kull nuqqas; illi l-attur nomine minkejja l-obbligazzjonjiet fuq imsemmija naqas milli jaghmel id-depositi fi zmien preskritt kif ukoll naqas milli jikkonsenja kopja legali tat-trasferimenti ta’ proprjeta` maghmula mis-socjetajiet fuq indikati; illi l-konvenut nomine interpella lill-attur nomine biex jersaq ghal likwidazzjoni tal-penali dovuta lilu a tenur tal-kuntratt fuq imsemmi tas-27 ta’ Settembru 1986, fl-atti tan-Nutar Dott. Victor John Bisazza u dan in kwantu ghan-nuqqas ta’ depositi maghmula fi zmien preskritt kif ukoll ghan-nuqqas tal-konsenja tal-kopja legali tat-trasferimenti ta’ proprjeta` maghmula mis-socjetajiet fuq indikati pero` baqghet inadempjenti; illi s-socjeta` attrici B & B Property Development Company Limited iggarantit flimkien u solidalment mas-socjeta` attrici Chevron Limited l-adempiment tal-obbligi kollha b’dan l-att tas-27 ta’ Settembru 1986 fl-atti tan-Nutar Dott. Victor John Bisazza; illi s-socjeta` konvenuta J.E.M. Investments Limited ghadha ma thallsitx mill-atturi nomine l-penali dovuta lilha; talbu li l-atturi nomine jghidu ghaliex dik il-Qorti m’ghandhiex :

1. tiddikjara u tiddeciedi li l-atturi nomine solidalment bejniethom huma inadempjenti u responsabbli ghall-hlas tal-penali bhala danni likwidati ghan-nuqqas ta’ depositu tas-somma li kellha tigi depositata f’kont fil-Lombard Bank Limited ghan-nom u fl-interess tas-socjeta`

konvenuta J.E.M. Investments Limited kif ukoll ghall-hlas ta’ penali ghall-inadempjenza ta’ konsenja ta’ kopja legali ta’ kull trasferiment tas-socjetajiet fuq indikati lil terzi u dan skond kuntratt tas-27 ta’ Settembru 1986 fl-atti tan-nutar Dott. Victor John Bisazza;

2. tillikwida l-penali ta’ danni likwidati ai termini tal-kuntratt tas-27 ta’ Settembru 1986 fl-atti tan-Nutar Dottor Victor John Bisazza ghall-inadempjenzi fin-nuqqas ta’ depositu tas-somom dovuti lill-konvenut nomine fi zmien gimgha in kwalsiasi trasferiment kif ukoll ghan-nuqqas ta’ konsenja ta’ kopja legali ta’ kull trasferiment;

3. tikkundanna lill-atturi solidalment bejniethom biex ihallsu l-penali hekk likwidati ai termini tal-kuntratt tas-27 ta’ Settembru 1986 fl-atti tan-Nutar Dott. Victor John Bisazza ghall-inadempjenzi fin-nuqqas ta’ depositu tas-somom dovuti lill-konvenut nomine fi zmien gimgha minn kwalsiasi trasferiment kif ukoll ghan-nuqqas ta’ konsenja ta’ kopja legali ta’ kull trasferiment;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta’ Novembru 1987, tal-4 ta’ Awwissu 1989, tal-31 ta’ Ottubru 1989 u tal-21 ta’ April 1993 u bl-ingunzjoni tal-atturi nomine ghas-subizzjoni;

B’nota pprezentata fis-16 ta’ Gunju, 1995 (fol. 42) is-socjetajiet attrici rikonvenzjonati eccepew :

- In-nullita` tal-kontro-talba billi ma hemmx specifikat ta’ xhiex il-penali pretiza hija dovuta;

- Il-preskrizzjoni ta’ sentejn ghat-tenur tal-Artikolu 2153 u ta’ hames snin ghat-tenur tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili;

- In-nuqqas ta’ pagament fit-terminu pattwit ma jistax jigi penalizzat bi hlas li jkun jeccedi t-tmienja fil-mija fuq l-ammont dovut u ghalhekk l-penali pretiza hija illicita;

- Illi fi kwalsiasi kaz kien il-konvenut li kien originarjament inadempjenti;

- Illi ma hemm l-ebda bilanc dovut lill-konvenut;

- Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fid-29 ta' Marzu, 2007 bil-mod segwenti:
"Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi ic-citazzjoni kif gej: billi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames eccezzjoni tas-socjetajiet konvenuti stante illi l-mertu ta' dawn l-eccezzjonijiet huwa llum ezawrit u tilqa' l-ewwel talba tas-socjetajiet attrici u tillikwida l-ammont li ghadu mhux imhallas mis-socjetajiet attrici lis-socjetajiet konvenuti fis-somma ta' sittax-ilelf mitejn tnejn u tletin Lira Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm16,232.99) Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet l-ohra tas-socjetajiet attrici stante illi l-mertu ta' dawn it-talbiet huwa llum ezawrit.

"Illi l-Qorti qeghda ghal motivi fuq imsemmija taqta' u tiddeciedi il-kontro-talba bil-mod kif gej: billi filwaqt illi tirrispingi l-eccezzjonijiet tas-socjetajiet attrici tilqa' t-talbiet tas-socjetajiet konvenuti u tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjetajiet attrici solidament bejniethom huma inadempjenti u responsabbli ghall-hlas tal-penali bhala danni likwidati ghan-nuqqas ta' depositu tas-somma li kellha tigi depositata f'kont fil-Lombard Bank Limited ghan-nom u fl-interess tas-socjeta` konvenuta J.E.M. Investments Limited kif ukoll ghall-hlas ta' penali ghall-inadempjenza ta' konsenja ta' kopja legali ta' kull trasferiment tas-socjetajiet fuq indikati lil terzi u dan skond kuntratt tas-27 ta' Settembru 1986 fl-atti tan-nutar Dott. Victor John Bisazza. Konsegwentement tilqa' wkoll it-tieni talba u qeghda tillikwida l-penali ta' danni likwidati ai termini tal-imsemmi kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Victor John Bisazza fir-rigward tal-inadempjenzi fin-nuqqas ta' depositu tas-somom dovuti lis-socjetajiet konvenuti fi

zmien gimgha in kwalsiasi trasferiment fis-somma ta' sebat elef mitejn u hamsin Lira (Lm7,250.00) rapprezentanti hamsin Lira penali dovuta fil-kaz ta' mija u hamsa u erbghin nota, kif imsemmi fl-istess Nota ta' l-Osservazzjonijiet tas-socjetajiet konvenuti, bl-imghax tat-tmienja fil-mija fis-sena dovuti fi zmien gimgha wara kull trasferiment sad-data tal-pagament effettiv, u fl-ammont ta' elf erba' mija u hamsin Lira (Lm1,450,00) rapprezentanti il-penali dovuta ghal nuqqas ta' konsenja ta' kopja legali tat-trasferimenti in kwistjoni. Konsegwentement, tilqa' wkoll it-tielet talba u tikkundanna lis-socjetajiet attrici solidalment bejniethom biex ihallsu l-penali hekk likwidati ai termini tal-kuntratt tas-27 ta' Settembru 1986 fl-atti tan-Nutar Dott. Victor John Bisazza ghall-inadempjenzi fin-nuqqas ta' depositu tas-somom dovuti lis-socjetajiet konvenuti kif intqal. Bl-ispejjez kif mitluba kontra s-socjetajiet attrici."

Dik il-Qorti tat din is-sentenza wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi l-Qorti tibda sabiex tiddikjara illi kif jirrizulta mill-istess Nota ta' Osservazzjonijiet ipprezentata mis-socjetajiet attrici illi ghar-rigward tac-citazzjoni attrici kull ma ghad fadal illi jigi deciz minn din il-Qorti hija biss l-ewwel talba u cioe` illi jigi kwantifikat il-kontijiet bejn il-partijiet, jigi likwidat l-ammont li ghadu mhux mhallas mis-socjetajiet attrici lis-socjetajiet konvenuti. Fadal ukoll illi tigi deciza il-kontro-talba tas-socjetajiet konvenuta.

"Illi rrizulta mill-provi prodotti illi permezz ta' att tas-27 ta' Settembru 1986 fl-Atti tan-Nutar Dr. Victor John Bisazza is-socjeta` attrici Chevron Limited kienet ikkostitwiet ruhha vera certa u likwida debitrici tas-socjeta` konvenuta JEM Investments Limited fl-ammont ta' mitejn u hamsa u tmenin elf Lira Maltin; liema ammont kellu jithallas skond il-kundizzjonijiet kollha stipulati f'dak il-kuntratt. Chevron Limited kienet id-debitrici principali u B and B Property Development Company Limited kienet garanti flimkien u solidament mad-debitrici principali. Id-debitrici principali kienet obbligat ruhha illi thallas lura l-imsemmija somma

mislufa lill-kreditrici permezz ta’ pagamenti semestrali ta’ tmienja u ghoxrin elf u hames mitt Lira Maltin, bl-ewwel pagament li kellu jsir fi zmien sitt xhur mid-data ta’ l-att. Il-kreditur kienet is-socjeta` JEM Investements Limited.

“Illi dan il-kuntratt tas-27 ta’ Settembru, 1986 jinsab esebit a fol. 30 sa fol 40 ta’ dawn il-proceduri.

“Illi din il-Qorti diversament presjeduta fit-28 ta’ Ottubru 1999 tat sentenza parzjali illi permezz taghha cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti.

“Illi skond kif jirrizulta mill-process u anke mill-istess noti ta’ osservazzjonijiet illi ghamlu l-partijiet irrizulta illi fil-mori ta’ din il-kawza, kawzi ohrajn konnessi man-negozju suggett ta’ din il-kawza gew decizi, u skond sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell fit-28 ta’ April, 2006 fl-ismijiet “Joseph Borg fil-kwalita` tieghu ta’ Direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` J.E.M. Investments Limited kontra Norman Buckle fil-kwalita` tieghu ta’ Direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Chevron Limited u l-istess Norman Buckle u Victor Balzan bhala Diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` B and B Property Development Company Limited”, Appell numru 672/1992, minn liema sentenza il-konvenut Joseph Borg talab ir-ritrattazzjoni.

“Illi l-kawza l-ohra li giet deciza u li kienet tirrigwarda hlas fuq skadenza dovuta fl-istess negozju mertu tal-proceduri odjerni kienet dik moghtija mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta’ Dicembru, 2003 fl-ismijiet “Joseph Borg nomine kontra Norman Buckle nomine et nomine” Citazz Nru 64/1990.

“Illi s-socjetajiet konvenuti jikkontendu illi wara dawn iz-zewg sentenzi fuq imsemmija l-ewwel talba li tirrigwarda likwidazzjoni tal-hlas mis-socjetajiet attrici lis-socjetajiet konvenuti diga` giet deciza mill-Qorti tal-Appell u ghalhekk il-mertu huwa kollu ezawrit in konnessjoni ma’ l-ewwel talba ta’ l-istess socjetajiet attrici sabiex b’hekk it-talbiet kollha tas-socjetajiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra taghhom. Izda s-socjetajiet attrici ma jaqblux ma’ din is-sottomissjoni u jissottomettu illi din il-

Qorti ghandha tilqa' l-ewwel talba kif dedotta fic-citazzjoni illi tillikwida l-ammont dovut mill-atturi lill-konvenuti billi tikkonsidra fl-ewwel lok l-ammont ta' sittax il-elf mitejn tnejn u tletin Lira u disgha u disghin centezmu (Lm16,232.99) dovut mill-attur lill-konvenut kif likwidat mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha tat-28 ta' April, 2006. Fit-tieni lok mal-ammont ta' sbatax-il elf erba' mija wiehed u sittin Lira (Lm17,461.00) dovut mill-konvenut lill-attur huwa rifuzjoni ta' hlas ta' taxxa lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u fit-tielet lok is-somma sbankata eronjament mill-konvenut Joseph Borg billi l-imghax kien superjuri ghal dawk verament dovuti. L-attur jissottometti li tenut kont ta' dawn il-fatturi jirrizulta li l-attur ma fadallu jaghti xejn lill-konvenut u dana skond hu jirrizulta mill-istess prospett illi huwa esebixxa fil-mori ta' din il-kawza.

"Ikkunsidrat :

"Illi permezz ta' verbal taghha tat-22 ta' Marzu, 2004 il-partijiet qablu illi l-provi kollha li instemghu fil-kawza illi eventwalment giet deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Dicembru 2003 fl-ismijiet "Joseph Borg nomine kontra Norman Buckle nomine et" il-provi kollha li instemghu f'din il-kawza ghandhom jitqiesu bhala provi li instemghu viva voce f'din il-kawza u l-Qorti ordnat illi jigi allegat il-process tal-Qorti ta' l-Appell flimkien ma' dan il-process.

"Illi xehed il-konvenut nomine Joseph Borg f'dawn il-proceduri u kkonferma li permezz ta' kuntratt tas-27 ta' Settembru 1986 fl-atti tan-Nutar Dr Victor John Bisazza huwa kien silef is-somma ta' mitejn hamsa u tletin elf Lira Maltin (Lm235,000.00) lis-socjeta` Chevron Limited. Permezz ta' dan il-kuntratt is-socjeta` Chevron Limited assumiet diversi obbligazzjonjiet, fosthom kien hemm illi huwa kellu jircievi kopja tal-kuntratt li jsir ghar-rigward ta' artijiet illi huma indikati fl-istess kuntratt u dan fi zmien xahar minn meta jsir l-istess kuntratt. Il-konvenut xehed illi huwa kien ircieva erba' kuntratti, izda kien ghamel ricerka u rrizultalu li ma kienx ircieva 'il fuq minn mija u sittin kuntratt u ta' dan l-atturi ghandhom ihallsu penali ta' ghaxar Liri ghal darba wahda biss ghal kull nuqqas u dan kif jirrizulta mill-istess kuntratt. Aktar tard il-konvenut

Joseph Borg rega' xehed u esebixxa prospett illi ipprepara li skond hu jindika dawk il-kuntratti li kopja taghhom suppost ghaddew lill-atturi izda ma ghaddewhomlux. Il-konvenut xehed illi mill-mija wiehed u sittin kuntratt elenkati fid-dokument li esebixxa huwa ircieva biss erbgha minghand l-atturi. Dan id-dokument jinsab esebit a fol. 109 sa fol. 120 ta' dawn l-atti.

"Illi aktar tard il-konvenut Joseph Borg permezz ta' nota esebixxa tlett dokumenti, id-Dok JB 3 statement tal-penali li skond hu ghandu jiehu minghand is-socjeta` Chevron Limited minhabba nuqqas ta' hlas ta' pagamenti dovuti lis-socjeta` JEM Investments Limited wara l-15 ta' Marzu 1989, li jinsab a fol. 126 u 127 ta' dawn il-proceduri, id-dokument JB 4 a fol. 128 sa fol. 132 ta' dan il-process, illi huma pagamenti effettwati bis-sitta fil-mija mis-27 ta' Settembru 1986 sas-27 ta' Settembru 1989 u d-Dokument JB 5, *statement* ta' interessi kalkolat bi tmienja fil-mija minflok bis-sitta fil-mija sabiex tintwera d-differenza li kieku l-konvenut thallas bi tmienja fil-mija minflok bis-sitta fil-mija; liema differenza tammonta ghas-somma ta' tnax il-elf mija erbgha u disghin Lira u sittax-il centezmu (Lm12,194.16). Dan id-dokument jinsab a fol. 133 sa fol. 136 ta' dan il-process.

"Illi l-attur nomine et nomine esebixxa prospett li skond hu juri l-pagamenti kollha li saru mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici fuq id-dejn stipulat bejniethom. Dan il-prospett jinsab esebit a fol. 138 sa fol. 139 ta' dawn il-proceduri.

"Illi sussegwentement l-attur nomine esebixxa prospett iehor fejn emenda il-prospett illi kien esebixxa precedentement. Dan il-prospett jinsab esebit a fol. 152 sa fol. 153 ta' dawn l-atti.

"Ikkunsidrat :

"Illi huwa car daqs il-kristal illi dak illi fadal illi jigi deciz mill-kawzaipprezentata mis-socjetajiet attrici hija l-ewwel talba u cioe` illi l-Qorti ghandha tillikwida l-ammont li ghadu mhux imhallas mis-socjetajiet attrici lis-socjetajiet

konvenuti u dan jaqblu mieghu, kif diga` intqal, l-istess partijiet.

“Illi in kwantu jirrigwarda in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjetajiet konvenuti l-ewwel eccezzjoni diga` giet deciza kif intqal aktar ‘il fuq f’dan il-gudikat, fis-sens illi l-Qorti irrispingiet l-ewwel eccezzjoni u halliet il-kawza ghas-smiegh u ghall-provi dwar l-ewwel talba attrici.

“Illi in kwantu dak illi jirrigwarda l-eccezzjonijiet l-ohrajn tas-socjetajiet konvenuti dawn l-eccezzjonijiet mhumiex immirati in kwantu ghall-ewwel talba, izda ghat-talbiet l-ohrajn u kif diga` intqal aktar ‘il fuq f’dan il-gudikat il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni, it-tielet, ir-raba’ u l-hames talbiet attrici stante illi, kif jaqblu l-istess partijiet, il-mertu ta’ dawn it-talbiet illum jinsab ezawrit.
“Illi ghalhekk il-Qorti trid tillikwida l-ammont illi ghadu mhux imhallas mis-socjetajiet attrici lis-socjetajiet konvenuti u sussegwentement tghaddi sabiex tiddeciedi l-kontro-talba.

“Illi fil-pagna numru erbgha (4) tan-Nota ta’ Sottomissjonijiet ta’ l-attur Norman Buckle nomine, l-attur talab lill-Qorti sabiex tilqa’ l-ewwel talba kif dedotta fic-citazzjoni billi tillikwida l-ammont dovut mill-attur lill-konvenut billi tikkunsidra l-ammont ta’ sittax il-elf mitejn tnejn u tletin Lira u disgha u disghin centezmu (Lm16,232.99) dovut mill-attur lill-konvenut kif likwidat mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fis-sentenza taghha tat-28 ta’ April, 2006 maghduda mal-ammont ta’ sbatax il-elf erba’ mija wiehed u sittin Lira (Lm17,461.00) dovut mill-konvenut lill-attur fuq refuzzjoni ta’ hlas ta’ taxxa lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

“Illi ghalhekk l-attur nomine qed jikkontendi illi huwa jaqbel illi ghandu jaghti s-somma ta’ sittax-il elf mitejn tnejn u tletin Lira u disgha u disghin centezmu (Lm16,232.99) kif ordnatlu jaghmel il-Qorti ta’ l-Appell fil-fuq citata sentenza, izda jikkontendi illi minn dan l-ammont ghandu jitnaqqas l-ammont ta’ sbatax-il elf erba’ mija wiehed u sittin Lira (Lm17,461.00) dovut lilu skond hu, mill-konvenut, fuq

refuzzjoni ta’ hlas ta’ taxxa lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

“Illi dejjem skond l-istess attur fin-Nota ta’ Osservazzjonijiet tieghu, il-Qorti ta’ l-Appell, fis-sentenza li tat fl-2006, halliet berah il-kwistjoni jekk kienx hemm xi ammont dovut minn Borg lil Buckle.

“Illi bir-rispett kollu din il-Qorti ma taqbel xejn ma’ din is-sottomisjoni. Fil-hames pagna tas-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell tat-28 ta’ April, 2006 jinghad hekk :

“Din il-kwistjoni tat-taxxa ghadha mhux maghluqa, izda, milli jidher, l-hlas jista’ se mai jkun dovut mill-attur” (li f’dik il-kawza kien Joseph Borg), “lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u mhux lill-konvenuti”, (jigifieri, dak iz-zmien, lil Buckle), “fi kliem iehor, l-allegat kreditu mhux tal-konvenuti izda tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, liema kreditu l-attur proprio et nomine obbliga ruhu li jhallas, taht certi kundizzjonijiet, fl-imsemmi tieni kuntratt tas-27 ta’ Settembru, 1976. Jekk l-attur ma jhallasx it-taxxa dovuta jista’ jkun li jkollhom ihallsuha l-konvenuti, u hemm, allura, jista’ jitwieled kreditu tal-konvenuti kontra l-attur. Dan kollu, pero`, ghadu mera ipotesi, ghax il-kwistjoni hija kontestata u ghadha qed tigi dibattuta”.

“Illi l-imsemmija sentenza kompliet ukoll sabiex tezamina din il-kwistjoni tal-hlas tat-taxxa minn Buckle. Fil-fatt, f’pagna 10 ta’ l-istess sentenza, jinghad hekk :
“Jidher li fl-istadju ta’ l-appell tressqu diversi provi in sostenn ta’ l-allegazzjoni tal-konvenuti appellanti u appellati rispettivament f’dawk il-proceduri, intizi biex juru li saru pagamenti lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u liema hlasijiet, skond kuntratt pubblikat min-Nutar Victor John Bisazza fis-27 ta’ Settembru, 1986 kellhom jigu rifuzi, kwantu ghan-nofs l-ammont hekk imhallas, mill-attur lis-socjetajiet konvenuti.”

“Aktar tard, u precizament f’pagna 12 tal-imsemmija sentenza, il-Qorti ta’ l-Appell qalet illi dwar tnaqqis iehor rapprezentanti taxxa mhallsa mill-konvenuti ma jirrizultax li l-konvenuti, f’dak il-kaz Norman Buckle, ottemperaw

ruhhom ma' l-obbligi imposti fuqhom fil-kuntratt relattiv. Dana qed jinghad ghalkemm fl-istadju ta' dan l-appell il-konvenuti esebew kopji ta' ittri tad-ditta Mizzi, Scerri, Said & Co indirizzati lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni relattivament dwar hlasijiet ta' taxxa fuq is-socjetajiet B & B Property Development u University Heights Limited kif ukoll kopja informi ta' ittra ufficjali allegatment mibghuta lill-attur u s-socjeta` JEM Investments Limited. Jinghad f'dan ir-rigward li biex jitwieled l-obbligu tas-socjetajiet attrici ghal dawn il-hlasijiet kollha kellha issir prova ta' notifika permezz ta' ittra registrata akkompanjanti "kopja tar-ricevuta tat-Taxxa jew Multa mhallsa mis-socjetajiet". Prova ta' tali avviz ma saritx u anqas ma jirrizulta li s-socjetajiet attrici gew moghtija kopji tar-ricevuti rilaxxjati mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, ghalhekk sa issa ma hemmx obbligu ta' rifuzjoni ta' taxxa mis-socjetajiet attrici lis-socjetajiet konvenuti.

"Ikkunsidrat :

"Illi wara li l-Qorti ezaminat il-provi prodotti f'din il-kawza ma jirrizulta xejn gdid minn dak li gie prodott quddiem il-Qorti ta' l-Appell. Effettivament fil-process hemm l-istess kopji ta' ittri tad-ditta Mizzi, Scerri, Said & Co indirizzati lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni dwar hlasijiet ta' taxxa fuq is-socjetajiet B & B Property Development u University Heights Limited kif ukoll vera kopja fotostatika ta' ittra ufficjali allegatment mibghuta lil Joseph Borg u s-socjeta` JEM Investments Limited; liema provi diga` kienu gew prodotti quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell kif diga` intqal aktar 'il fuq f'dan il-gudikat.

"Illi l-Qorti ta' l-Appell, fl-istess imsemmija sentenza, qalet illi f'dan ir-rigward biex jitwieled l-obbligu ta' l-attur (li f'dak il-kaz kien Borg) ghal dawn il-hlasijiet, kellha issir prova ta' notifika permezz ta' ittra registrata akkompanjanti "kopja tar-ricevuta tat-Taxxa jew Multa mhallsa mis-socjetajiet".

"Illi l-Qorti rat ukoll ix-xhieda ta' Michael Scerri illi tinsab a fol. 248 sa fol. 256 tal-process tal-Qorti ta' l-Appell ta' Joseph Borg nomine u ta' l-appell principali u l-appell incidentali ta' Norman Buckle nomine et nomine, liema

process jinsab allegat mal-process tal-Qorti kif diga` intqal aktar ‘il fuq f’dan il-gudikat, minn fejn jirrizulta illi meta l-partijiet kienu ltaqghu flimkien ma’ persuni ohrajn sabiex jiddiskutu l-kwistjoni tal-pagament tat-taxxa, saret referenza effettivament ghal din il-laqgha tat-23 ta’ Marzu, 1996, izda rrizulta minn din ix-xhieda illi s-Sur Borg ma riedx ihallas it-taxxa. Effettivament is-Sur Joe Borg f’hin minnhom kien qabad u hareg ‘il barra minn din il-laqgha. Dak iz-zmien tal-laqgha huwa ma kienx Direttur u lanqas azzjonist tas-socjeta` B and B Property Developments u tas-socjeta` University Heights Limited. Is-Sur Borg dakinhar kien qal lis-Sur Buckle u lis-Sur Balzan “tridu thallsu inthom, taghtuni l-ircevuta, imbaghad inhallashom jiena”. Izda l-ohrajn riedu illi s-Sur Borg ihallas is-sehem tieghu.

“Irrizulta wkoll mill-istess xhieda illi s-Sur Joe Borg ma qabilx ma’ l-*accounts* u ghalhekk lanqas ma setgha jaqbel dwar it-Taxxa illi kellha tithallas lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni.

“Illi rrizulta wkoll mix-xhieda illi s-Sur Borg kien qieghed jikkontendi illi ghalkemm kienu saru certi kuntratti fil-verita` l-flus ma ingabrux. Finalment ix-xhud qal illi s-Sur Borg ma riedx ihallas hu personalment qabel ma thallas is-socjeta`.

“Ikkunsidrat :

“Illi kwindi jirrizulta, kontrarjament ghal dak illi qieghdin jallegaw s-socjetajiet attrici, illi l-Qorti ta’ l-appell fis-sentenza taghha tat-28 ta’ April, 2006 dahlet sew f’din il-kwistjoni tal-pagament tat-Taxxa u ddecediet illi sa dakinhar ma kienx hemm obbligu ta’ rifuzjoni ta’ taxxa mis-socjetajiet attrici lis-socjetajiet konvenuti.

“Illi minn dakinhar illi inghatat is-sentenza f’April 2006 sal-gurnata tal-lum ma tbiddel xejn, minkejja l-fatt illi s-socjetajiet attrici jikkontendu illi huma pprezentaw ittra ufficjali fil-15 ta’ Settembru 2006 bid-dokumenti relattivi ai termini tas-sentenza ta’ Appell; liema ittra ufficjali giet

notifikata lis-socjetajiet konvenuti fit-23 ta’ Settembru 2006.

“Illi minkejja l-fatt illi s-socjetajiet attrici fin-Nota ta’ Sottomissjonijiet taghhom jikkontendu illi fil-mori tal-proceduri odjerni, u ezattament fil-15 ta’ Settembru 2006, huma hadu l-isbriga biex jipprezentaw ittra ufficjali bid-dokumenti relattivi ai termini ta’ l-istess sentenza ta’ Appell; liema ittra ufficjali giet notifikata lis-socjetajiet konvenuti fit-23 ta’ Settembru 2006, jigi rilevat illi kopja ta’ din l-ittra ufficjali datata 15 ta’ Settembru 2006 giet esebita biss mis-socjetajiet attrici flimkien man-Nota ta’ l-Osservazzjonijiet taghhom fil-15 ta’ Frar, 2007 u ma giex ippruvat illi din l-ittra ufficjali giet effettivament notifikata lis-socjetajiet konvenuti fit-23 ta’ Settembru 2006 flimkien mad-dokumenti relattivi.  Ghalhekk din il-Qorti tara u tiddeciedi illi ma nbidel xejn mid-data  tas-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell tat-28 ta’ April, 2006 u bl-istess mod il-Qorti mhijiex ser tvarja il-konkluzzjonijiet illi ghalihom waslet dik il-Qorti fir-rigward ta’ rifuzzjoni ta’ taxxa o meno mis-socjetajiet konvenuti, u dana peress illi ghad ma hemmx obbligu ta’ rifuzzjoni ta’ taxxa mis-socjetajiet konvenuti lis-socjetajiet attrici.

“Illi t-tielet punt imqajjem mis-socjetajiet attrici kien illi skond il-kuntratt, l-imghaxijiet dovuti fuq il-bilanc kellhom ikunu sitta fil-mija a skaletta.  Izda, wara s-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell tas-16 ta’ Dicembru, 2003 fl-ismijiet Joseph Borg nomine vs Norman Buckle nomine et nomine l-attur kien hallas lil Borg is-somma dovuta skond dik is-sentenza.

“Is-socjetajiet attrici qalu fin-Nota ta’ l-Osservazzjonijiet taghhom  illi jirrizulta illi l-hlas sar bl-isbank minn Joseph Borg ta’ parti minn somma flus depositati fic-cedola numru 794/03 fl-ismijiet Verdala Mansions Limited kontra J.E.M. Investements Limited.  Jirrizulta minn din ic-cedola illi l-konvenut Borg thallas is-somma dovuta lilu bl-imghax kalkolat bi tmienja fil-mija meta fil-fatt l-imghax kellu jigu kalkolat bis-sitta fil-mija.

“Illi l-Qorti bir-rispett kollu ma tistax tiehu konjizzjoni ta’ dan il-mertu stante li ma jiffurmax parti mill-proceduri odjerni. Dan il-punt ma jissemma mkien, la fic-citazzjoni tas-socjetajiet attrici, u lanqas fin-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet illi huma pprezentaw ghall-kontro-talba tas-socjetajiet konvenuti. Inoltre ma ngab l-ebda prova rigwardanti dan il-mertu f’dawn l-atti u ghalhekk il-Qorti sejra tiskarta kompletament din is-sottomissjoni tas-socjetajiet attrici.

“Il-Qorti sejra tghaddi issa sabiex taqta u tiddeciedi l-kontro-talba tal-konvenut Joseph Borg ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` JEM Investments Limited ghan-nom u in rappresentanza tal-istess kif ukoll l-istess Joseph Borg bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpannija Marks & Charles Limited;

“Ikkunsidrat :

“Illi bazikament is-socjetajiet konvenuti qieghed jitlob illi din il-Qorti fl-ewwel lok tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjetajiet attrici solidalment bejniethom huma responsabbli ghall-hlas ta’ penali bhala danni likwidati ghan-nuqqas ta’ depositu tas-somma li kellha tigi depositata f’kont fil-Lombard Bank Limited ghan-nom u fl-interess tas-socjeta` konvenuta J.E.M. Investments Limited kif ukoll ghall-hlas ta’ penali ghall-inadempjenza ta’ konsenja ta’ kopja legali ta’ kull trasferiment tas-socjetajiet fuq indikati lil terzi u dan skond kuntratt tas-27 ta’ Settembru 1986 fl-atti tan-Nutar Dott. Victor John Bisazza. Sussegwentement, il-Qorti qeghda tintalab tillikwida l-penali u tikkundanna lis-socjetajiet attrici solidalment bejniethom biex ihallsu l-penali hekk likwidati. Illi s-socjetajiet attrici rikonvenzjonati eccepew in-nullita` tal-kontro-talba billi ma hemmx specifikat ta’ xhiex il-penali pretiza hija dovuta u fit-tieni lok eccepew il-preskrizzjoni ta’ sentejn ghat-tenur tal-Artikolu 2153 u l-preskrizzjoni ta’ hames snin a tenur tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili.

“Illi l-Qorti ezaminat il-kuntratt fuq imsemmi li jinsab esebit a fol. 30 sa fol. 40 ta’ dan il-process.

“Illi l-Qorti tibda sabiex tiddikjara illi fil-kontro-talba huwa car ta’ x’hiex qieghed jintalab il-penali. Saret ukoll referenza ghall-kuntratt u l-Qorti hawn hekk taghmel referenza ghal folio 31 u 32 tal-kuntratt fuq imsemmi li jghid kif gej “Sa kemm tigi imhallsa s-somma kollha mislufa b’dana l-att, il-Mutwatarju jobbliga ruhu li mal-kuntratt ta’ trasferiment ta’ proprieta immobiljari li tkun tappartjeni illum lil xi wahda mis-socjetajiet in kwistjoni jghaddi lill-istess Mutwant nofs il-valur tal-proprjeta trasferita wara li minn l-istess valur tkun dedotta l-parti percepibbili mill-Bank kif fuq spjegat, u dana fi zmien gimgha minn kull trasferiment relattiv. Il-Muwatarju jobbliga ruhu li fi zmien gimgha minn kull trasferiment jiddeposita f’Bank indikat lilu mill-Mutwant kwalunkwe ammont dovut fuq it-trasferimenti relativi. F’kaz illi dawn id-depositi ma jigux effetwati fiz-zmien hawn fuq imsemmi l-mutwatarju jkun soggett li jhallas lill-Mutwant penali ta’ hamsin Liri Maltin (Lm50) ghall-ewwel gimgha jew parti minnha u l-istess penali ghal kull gimgha sussegwenti jew parti minnha bhala danni likwidati.

“Ghalhekk il-Qorti sejra tibda sabiex tiddeciedi dwar din l-ewwel penali.

“Ikkunsidrat :

“Illi l-konvenut Joseph Borg xehed waqt is-seduta tal-14 ta’ Gunju 2004 proprju dwar din il-penali. Huwa qal illi kien ircieva erba’ kuntratti, izda mir-ricerki li ghamel irrizultalu li ma kienx ircieva ‘il fuq minn mija u sittin kuntratt. Huwa qal illi ghalhekk ghandu jithallas penali ta’ ghaxar Liri ghal darba wahda biss ghal kull nuqqas. Huwa kompla jixhed illi mir-ricerki li ghamel irrizulta li ma irceviex mija u wiehed u sittin kuntratt. Kompla jghid illi kien qed ikompli din ir-ricerka li kienet ser tkun lesta fi zmien ftit granet.

“Illi l-konvenut Joseph Borg kompla jixhed waqt is-seduta tat-12 ta’ Ottubru 2004. Huwa kkonferma ix-xhieda tieghu precedenti u esebixxa prospett fejn indika l-kuntratti li kopja taghhom ma giex moghti u dan skond ma rrizultalu

mir-ricerki li kien ghamel. Illi l-lista tinsab esebita a fol. 109 sa fol. 120 tal-process.

“Illi waqt is-seduta tal-20 ta’ Jannar, 2005 Dr. Mark Refalo ddikjara illi s-socjetajiet attrici fadlilhom jipprezentaw xi dokumenti u kien fadlilhom ukoll jezaminaw ir-ricerki prezentati fl-ahhar seduta; liema ricerki wieghed illi ser jigu mghoddija lis-socjetajiet attrici mis-socjetajiet konvenuti. Il-konvenut Joseph Borg esebixxa dokumenti ohrajn a fol. 127 sa fol. 136 ta’ dawn l-atti.

“Ikkunsidrat :

“Illi s-socjetajiet attrici, dwar it-talba rikonvenzjonali tas-socjetajiet konvenuti, ma rribattewx id-dokumenti esebiti tas-socjetajiet konvenuti, izda ghazlu illi jitrattaw dwar it-talba rikonvezjonali fin-nota ta’ l-osservazzjonijiet pprezentata minnhom.

“Illi fl-imsemmija Nota ta’ Osservazzjonijiet huma ssottomettew illi s-socjeta` konvenuta JEM Investments Limited ma ppruvatx l-obbligu u d-data ta’ l-obbligu tal-hlas u tal-prezentata tad-dokumenti mposta fuq l-attur Norman Buckle nomine u illi ma ppruvatx il-fatt illi l-attur nomine naqas li jottempra ruhu ma dawn l-obbligi u lanqas ma ppruvat illi l-pretenzjoni tas-socjeta` konvenuta ma hix milquta bil-preskrizzjoni kwinkwennali u lanqas ma kkwantifikat il-penali pretiza ghal kull likwidazzjoni eventwali. Skond s-socjetajiet attrici, il-fatt illi s-socjetajiet konvenuti ressqu r-ricerki tal-kumpaniji Paola Development Company Limited u ta’ B and B Property Development Company Limited ma kienx bizzejjed. Is-socjetajiet attrici rrelevaw ukoll illi hemm zball serju fir-ricerki illi gew esebiti mis-socjetetajiet konvenuti fis-sens li dawn jaghmlu konfuzzjoni tas-socjetajiet Paola Development Company Limited u Paula Developments Limited, fis-sens illi r-ricerki jirrigwardaw dawn iz-zewg kumpaniji meta fil-fatt huma kompletament distinti u differenti. Huma rrilevaw wkoll illi fir-rigward ta’ Paola Development Company Limited ghalkemm fis-*summary* hemm miktub li hemm hamsin nota u ghalhekk hamsin trasferiment fil-fatt dsatax minnhom saru mis-socjeta`

Paula Developments Limited u ghalhekk dawn il-kuntratti huma kompletament estraneji ghall-vertenza. Inoltre rrilevaw ukoll illi t-trasferimenti li saru wara l-prezentata tat-talba rikonvenzjonali ma jidhlux fil-mertu ta' din it-talba u dan jolqot tlett kuntratti biss. Dwar ir-ricerki ta' B & B Development Company Limited huma issottomettew illi jirrizulta mix-xhieda illi l-konvenut Joe Borg kien personalment ikun prezenti waqt ir-redazzjoni tal-kuntratti ta' trasferiment u ghalhekk huwa kien jaf x'sar fuq kull kuntratt u kwindi ma ghandux jinsisti fuq il-produzzjoni ta' dawn id-dokumenti.

"Ikkunsidrat :

"Illi l-Qorti tara illi effettivament is-socjetajiet konvenuti ressqu il-provi kollha u r-ricerki kif imsemmi mis-socjetajiet attrici u s-socjetajiet attrici lanqas indenjaw ruhhom waqt l-istadju tal-provi sabiex b'xi mod jirribattu l-provi imressqa mis-socjetajiet konvenuti. Mhux biss ma ghamlulu l-ebda kontro-ezami, izda lanqas ma telghu jixhdu sabiex jirribattu dawn il-provi.

"Illi effettivament il-kuntratt jitkellem wahdu kif diga` msemmi u jirrizulta ppruvat sodisfacentement illi s-socjetajiet attrici naqsu mill-obbligi imposti fuqhom fil-kuntratt fuq imsemmi u dan gie ppruvat sodisfacentement mis-socjetajiet konvenuti.

"Illi bid-dovut rispett s-socjetajiet konvenuti ma jistghux jonqsu milli jressqu l-provi necessarji fl-istadju tal-gbir tal-provi imbaghad jippretendu li jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet sabiex jirribattu l-provi mressqa mis-socjetajiet konvenuti. In-Nota ta' Sottomissjonijiet hija intiza sabiex jigu ribattuti l-provi mressqa fid-dawl tal-ligi u fid-dawl tal-gurisprudenza, izda mhux sabiex jitressqu l-provi.

"Ghalhekk, kif diga` ntqal, is-socjetajiet konvenuti ressqu l-provi taghhom u s-socjetajiet attrici ma ressqu l-ebda prova sabiex jirribattu l-provi mressqin mis-socjetajiet konvenuti, hlief illi fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghhom s-socjetajiet attrici ressqu prova fis-sens illi dsatax-il Nota

msemmija fir-ricerki prezentati mill-konvenut saru mis-socjeta` Paula Developments Limited u mhux mis-socjeta` Paola Developments Company Limited.

“Illi fin-Nota ta’ Sottomissjonijiet tieghu il-konvenut nomine accetta din il-prova mressqa mis-socjetajiet attrici fin-Nota ta’ Sottomissjonijiet u mhux fl-istadju tal-gbir tal-provi u ssottometta illi minghajr ma qieghed jaghmel verifika qieghed joqghod fuq dak illi qed isostnu s-socjetajiet attrici u ghalhekk huwa dispost li jnaqqas dsatax in-nota minn dak fuq riferit.

“Ikkunsidrat :

“Illi minkejja l-fatt illi l-konvenut nomine ghandu ragun illi jitlob id-dikjarazzjoni, il-likwidazzjoni u l-hlas tal-penali dovuta lilu mis-socjetajiet attrici, ghandhom ragun is-socjetajiet attrici meta ssottomettew illi l-pretenzjoni tas-socjetajiet konvenuti ghall-hlas ta’ penali ta’ hamsin Lira fil-gimgha ghad-dewmien fil-hlas ghandu jitqies bhala hlas ta’ imghax u dana ai termini tal-Artikolu 1139 tal-Kodici Civili, li jipprovdi li jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bhala oggett il-hlas ta’ somma determinata, id-danni li jigu mid-dewmien ta’ l-esekuzzjoni taghha jkunu jikkonsistu biss fl-imghaxijiet fuq is-somma li jkollha tinghata, meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena.

“Illi dan il-punt ta’ principju, kif kellhom ragun jissottomettu s-socjetajiet attrici, gie applikat mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza tat-8 ta’ April, 1880 fl-ismijiet Dr. Alessandro Chapelle et kontra Dr. Pasquale Frendo Azzopardi nomine et fejn gie dikjarat illi fejn fil-kuntratt ta’ kera, hemm penali likwidata ghad-dewmien fil-hlas tal-kera dovuta, dik il-penali ma kienet xejn hlief imposizzjoni ta’ hlas ta’ imghax u ghalhekk qatt ma setghet tezorbita ir-rata massima imposta mil-ligi.

“L-istess Qorti ta’ Appell, permezz ta’ sentenza moghtija fis-6 ta’ Novembru, 1939 fl-ismijiet Emmanuele Borg kontra Giuseppe Cilia, qalet illi meta l-attur jobbliga ruhu li jhallas somma ta’ flus fi zmien determinat, id-dewmien tieghu fil-hlas ta’ dik is-somma ma jistax jissottoponih ghal

ebda penali, “ghaliex din tista tkun qeghda tikkopri inkri uzurarji.” Il-Qorti ghalhekk f’dik il-kawza irriteniet illi l-klawsola penali komminata ghall-kaz ta’ dewmien hija riducibbli ghall-hlas ta’ imghax, dak iz-zmien, ta’ sitta fil-mija fis-sena.

“Illi ghalhekk il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi s-somma dovuta bhala penali ghandha tikkonsisti biss fl-imghaxijiet fuq is-somma ta’ hamsin Lira fir-rigward ta’ kull trasferiment bl-imghaxijiet ta’ tmienja fil-mija fis-sena u dan mid-data ta’ gimgha wara kull trasferiment sad-data tal-prezentata tac-citazzjoni odjerna, u din il-penali tammonta ghas-somma ta’ sebat elef mitejn u hamsin Lira (Lm7,250.00), rapprezentanti hamsin Lira (Lm50) penali dovuta fil-kaz ta’ mija u hamsa u erbghin nota, kif imsemmi fl-istess nota ta’ osservazzjonijiet tas-socjetajiet konvenuti, bl-imghax ta’ tmienja fil-mija dovut fi zmien gimgha wara kull trasferiment sad-data tal-pagament effettiv.

“Ikkunsidrat :

“Illi fir-rigward tal-penali ta’ ghaxar Liri ghal kull nuqqas ta’ konsenja tad-dokumenti legali, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi s-socjetajiet attrici ghandhom ihallsu lis-socjetajiet konvenutiis-somma komplessiva ta’ elf erba’ mija u hamsin Lira (Lm1,450.00).

“Illi fir-rigward tas-sottomissjoni tas-socjetajiet attrici illi l-penali ma ghadhiex iktar dovuta peress illi hija kolpita bil-preskrizzjoni ta’ hames snin il-Qorti tichad din is-sottomissjoni peress illi kif tajjeb issottomettew is-socjetajiet konvenuti l-obbligu ghall-hlas tal-penali huwa naxxenti mill-kuntratt pubbliku fuq imsemmi u l-preskrizzjoni tieghu hija ta’ tletin sena u konsegwentement ma tapplika l-ebda preskrizzjoni fir-rigward ta’ dawn il-penali.”

**L-appell tas-socjetajiet attrici.**

Is-socjeta` Chevron Limited u s-socjeta` B & B Property Development Company Limited kif debitament rapprezentanti hassew ruhhom aggravati bis-sentenza fuq

riportata u ghalhekk, b'rikors intavolat fit-18 ta' April, 2007 talbu li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirrevoka u thassar is-sentenza msemmija billi (a) filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, tilqa' l-ewwel talba attrici fis-sens li tillikwida l-ammont li ghadu dovut lill-konvenuti maghduda flimkien mal-krediti ta' l-atturi bl-ispejjez kontra l-konvenuti; (b) tilqa' l-eccezzjonijiet rikonvenzjonali taghhom u tichad it-talbiet rikonvenzjonali kollha bl-ispejjez kontra l-konvenuti rikonvenzjonanti.

Il-kontro-partijiet ipprezentaw risposta (fol. 261) ghal dan l-appell fejn iddikjaraw li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma u li kwindi, anke ghar-ragunijiet hemm moghtija, l-appell tas-socjetajiet attrici appellanti ghandu jigi michud.

**Ikkunsidrat:**

Il-kwistjoni li tinsab quddiem din il-Qorti u li kienet ukoll tifforma mertu ta' proceduri ohrajn bejn l-istess partijiet, ghandha l-qofol taghha f'zewg kuntratti pubblikati min-Nutar Victor John Bisazza fis-27 ta' Settembru, 1986. Skond wiehed minn dawn il-kuntratti s-socjeta` Chevron Limited kienet ikkostitwit ruhha veru, certa u likwida debitrici tas-socjeta` konvenuta JEM Investments Limited fl-ammont ta' Lm285,000 liema ammont kellu jithallas skond il-kondizzjonijiet kollha stipulati fl-imsemmi kuntratt. B'dan l-istess kuntratt is-socjeta` B & B Property Development Company Limited ggarantit solidalment il-hlas ta' dak id-dejn lis-socjeta` konvenuta.

Relevanti ghal fini ta' dawn il-proceduri hemm provdut fl-imsemmi kuntratt li l-imghax fuq il-bilanci dovuti kellu jigi komputat bir-rata ta' sitta fil-mija (6%); li l-ammont hekk misluf kellu jithallas lura bi pagamenti semestrali ta' Lm28,500; u li sakemm tithallas s-somma kollha mislufa l-mutwatarju obbliga ruhu li mal-kuntratt ta' trasferiment ta' proprjeta` immobiljari li tkun tappartjeni lil xi wahda mis-socjetajiet in kwistjoni "*jghaddi lill-istess mutwant nofs il-valur tal-proprjeta` trasferita wara li minn l-istess valur tkun dedotta l-parti percepibbli mill-Bank kif fuq spjegat, u*

*dan fi zmien gimgha minn kull trasferiment relattiv.”* Inoltre l-mutwatarju obbliga ruhu li “*fi zmien gimgha minn kull trasferiment jiddeposita f’Bank indikat lilu mill-Mutwant, kwalunkwe ammont dovut fuq it-trasferimenti relattivi.*” F’dan ir-rigward giet imposta fuq il-mutwatarju penali f’kaz ta’ inadempjenza billi jinghad li “*F’kaz illi dawn id-depoziti ma jigux effettwati fiz-zmien hawn fuq imsemmi l-mutwatarju jkun soggett li jhallas lill-mutwant penali ta’ hamsin Liri Maltin (Lm50) ghall-ewwel gimgha jew parti minnha u l-istess penali ghal kull gimgha sussegwenti jew parti minnha bhala danni likwidati.”*

Kundizzjoni ohra relevanti ghall-proceduri prezenti hija dik li tipprovdi li: “*Fi zmien xahar il-Mutwatarju jobbliga ruhu li jghaddi kopja legali ta’ kull trasferiment ta’ proprjeta` maghmula minn dawn is-socjetajiet u dan sakemm ikun thallas id-debitu kollu, u dan taht penali ta’ ghaxar Liri Maltin (Lm10) ghal kull nuqqas.*”

Il-kwistjonijiet in kawza, kif sewwa osservat l-ewwel Qorti, jikkoncernaw il-likwidazzjoni ta’ l-ammont dovut mis-socjetajiet attrici lis-socjeta` konvenuta a tenur ta’ l-ewwel talba fic-citazzjoni attrici. Inoltre hemm il-likwidazzjoni u kundanna ghall-hlas tal-penalitajiet li, skond is-socjeta` konvenuta, is-socjeta` attrici inkorriet meta naqset li tiddepozita fil-kont tas-socjeta` konvenuta skond kif previst fil-kuntratt imsemmi, u dawk il-penalitajiet minhabba nuqqas tas-socjeta` attrici li tipprovdi lis-socjeta` konvenuta kopji tal-kuntratti ta’ trasfermenti li jkunu sehhew.

Dwar l-ammont dovut mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta jidher li hemm qbil bejn il-kontendenti li l-bilanc tal-kapital misluf u dovut illum jammonta ghas-somma ta’ Lm16,232.99 kif likwidat mill-Qorti ta’ l-Appell fis-sentenza moghtija fit-28 ta’ April, 2006 fil-kawza fl-ismijiet inversi. Biss ghalkemm is-socjeta` konvenuta ssostni li f’dan ir-rigward il-mertu tat-talba attrici huwa ezawrit, is-socjeta` attrici tirrileva li hemm pendenzi ohra bejn il-partijiet li, mehuda flimkien, jaghmluha kreditirici, u mhux debitrici, tas-socjeta` konvenuta. Dawn jikkoncernaw rifuzjoni ta’ imghax eccessiv (bit-8% minflok bis-6%) imhallas lill-

konvenuta fuq certa addebiti; kif ukoll rifuzjoni ta’ taxxa mhallsa mis-socjeta` attrici u li, skond l-arrangamenti ta’ bejn il-kontendenti, kellha tithallas mis-socjeta` konvenuta. Dwar dan l-ahhar aspett is-socjeta` attrici ssostni li l-kwistjoni ta’ bejn il-kontendenti ma gietx finalment determinata bis-sentenza fuq citata billi hemm proceduri ta’ ritrattazzjoni.

Dwar it-talba rikonvenzjonali tas-socjeta` konvenuta, cioe` dik li tikkoncerna l-hlas ta’ penalitajiet kif hawn fuq spjegat, is-socjeta` attrici hasset ruhha aggravata bis-sentenza appellata billi:

a) issostni li hemm kontradizzjoni fis-sentenza appellata meta din filwaqt li rriteniet li kienu biss l-imghaxijiet li kienu dovuti bhala penali a tenur ta’ l-Artikolu 1139 tal-Kodici Civili, fil-fatt l-istess Qorti ddikjarat li l-penali kienet tikkonsisti kemm fis-somma ta’ Lm50 ghal kull kuntratt u kif ukoll ghall-imghax fuq l-istess somma biex b’hekk ikkundannat lis-socjeta` attrici thallas imghax fuq l-imghax;

b) mhux dovuta penali stante li d-debitu kien thallas bil-quddiem;

c) fi kwalunkwe kaz tapplika l-preskrizzjoni kemm ta’ hames snin kontemplata fl-Artikolu 2156 u dik ta’ sentejn kontemplata fl-Artikolu 2153; u

d) ma kienx hemm obbligu ta’ konsenja ta’ kopji tal-kuntratti ta’ vendita gialadarba l-istess konvenut kien ikun prezenti ghall-pubblikazzjoni ta’ l-istess.

**Ikkunsidrat:**

**Dwar l-ammont dovut.**

Kif gia` inghad l-ewwel Qorti, anke bil-beneplacitu tal-kontendenti, strahet fuq dak li gie deciz fis-sentenza ta’ din il-Qorti moghtija fit-28 ta’ April, 2006 fil-kawza Citaz. Nru. 672/92, in kwantu rriteniet li l-ammont dovut mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta kien jammonta ghas-

somma ta' Lm16,232.99 u rriteniet li l-kwistjoni ta' rifuzjoni ta' taxxa reklamata mis-socjeta` attrici kienet giet kunsidrata minn dik il-Qorti meta rrilevat li l-obbligu fil-konfront tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghall-hlas tat-taxxa kien jolqot lis-socjeta` konvenuta u mhux lis-socjeta` attrici. Din is-socjeta` attrici, jinghad fl-istess sentenza, kien ikollha dritt kontra s-socjeta` konvenuta kemm-il darba tkun kostretta thallas it-taxxa *de proprio* u b'hekk tkun intitolata ddur kontra s-socjeta` konvenuta ghar-rifuzjoni wara li tottempera ruhha ma' dak li hemm provdut fil-kuntratt tas-27 ta' Settembru, 1986 u cioe` li l-istess socjeta` konvenuta tigi notifikata permezz ta' ittra registrata akkompanjanti "*kopja tar-ricevuta tat-Taxxa jew multa mhallsa mis-socjetajiet.*"

Il-Qorti ta' l-Appell fil-proceduri 672/92 irriteniet li s-socjeta` attrici ma kienitx ottemperat ruhha mal-obbligi assunti fil-kuntratt imsemmi biex b'hekk tkun tista` tirreklama rifuzjoni ta' taxxa mhallsa akkont tas-socjeta` konvenuta, u kkonkludiet li "*sa issa ma hemmx obbligu ta' rifuzjoni ta' taxxa mis-socjetajiet attrici* (konvenuta f'dawn il-proceduri) *lis-socjetajiet konvenuti* (socjetajiet attrici f'dawn il-proceduri).

Biex jaghmlu tajjeb ghal din il-lakuna s-socjetajiet attrici appellanti flimkien mar-rikors ta' l-appell ipprezentaw kopja ufficjali ta' ittra ufficjali li huma kienu baghtu lil Joseph Borg personalment kif ukoll lis-socjeta` JEM Investments Limited fil-15 ta' Settembru, 2006 u cioe` wara li inghatat is-sentenza tat-28 ta' April, 2006 li ghaliha saret referenza. F'dik l-ittra ufficjali, li jirrizulta li giet notifikata lill-intimati fit-23 ta' Settembru, 2006, is-socjeta` konvenuta J.E.M. Investments Limited, flimkien ma' Joseph Borg, gew interpellati jhallsu nofs l-ammont tat-taxxa hemm imsemmija u kif jirrizulta mid-dokumenti li gew annessi mal-istess ittra ufficjali. B'hekk, isostnu l-appellanti, huma ottemperaw ruhhom ma' l-obbligi kontemplati fil-kuntratt u konsegwentement is-socjeta` konvenuta hija debitrici taghhom fis-somma ta' Lm17,461 cioe` nofs l-ammont ta' taxxa li tirrizulta mhallsa mill-istess socjeta` attrici appellanti akkont ta' University Heights Ltd u B & B Property Development Co. Ltd. Dan l-ammont

ghalhekk ghandu, skond is-socjeta` attrici appellanti, jigi pacut ma’ kull bilanc dikjarat dovut a tenur ta’ l-ewwel talba attrici.

Din il-Qorti ezaminat l-atti u wara li hasbet fit-tul fuq dan l-aspett tal-kwistjoni, ghalkemm taqbel mas-sottomissjoni orali tad-difensur tas-socjetajiet attrici li jkun desiderabbli li ma jkunx hemm proliferazzjoni ta’ kawzi, ma tistax tikkondividi r-ragunament tal-appellanti u dana billi fl-ewwel lok jidher li l-*quantum* ta’ taxxa dovut mis-socjeta` konvenuta huwa kontestat u din il-kwistjoni ghadha qed tigi dibattuta. Fit-tieni lok is-sentenza fil-kawza Citaz. Numru 672/92 ghadha ma ghadditx in gudikat billi hemm proceduri ta’ ritrattazzjoni u ghalhekk l-obbligu tas-socjeta` konvenuta ghadu mhux determinat. Dan l-aggravju ghalhekk ma jirrizultax gustifikat ghalkemm qed jigi rizervat kull dritt *si et quatenus* lis-socjeta` attrici appellanti ghar-rifuzjoni ta’ taxxa li finalment tirrizulta dovuta mis-socjeta` konvenuta.

**Ikkunsidrat:**

Dwar il-kwistjoni ta’ l-imghax imhallas in eccess ghal dak pattwit, fin-nota tal-osservazzjonijiet tas-socjeta` attrici (fol. 199 *et seq.*) filwaqt li saret referenza ghas-sentenza ta’ din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet inversi (Citaz Nru 64/90) deciza fis-16 ta’ Dicembru, 2003, jinghad hekk:

“Din il-kawza kienet tirrigwarda hlas fuq skadenza dovuta fl-istess negozju mertu tal-proceduri odjerni. Jirrizulta li l-hlas sar bl-izbank minn Joseph Borg ta’ parti minn somma flus depositati fic-cedola numru 794/03 fl-ismijiet Verdala Mansions Limited vs Jem Investments Ltd. Jirrizulta li minn din ic-cedola l-konvenut Borg thallas is-somma dovuta lilu bl-imghax kalkulat bit-8%. Meta fil-fatt, ai termini ta’ l-kuntratt de quo l-imghax kellhom jigu kalkolati bis-6%.”

Fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti ddikjarat li ma tistax tiehu konjizzjoni ta’ dan il-mertu stante li ma jiffurmax parti mill-proceduri odjerni. “*Dan il-punt*” kompliet dik il-Qorti “*ma jissemma’ imkien, la fic-citazzjoni tas-socjetajiet*

*attrici, u lanqas fin-nota tal-Eccezzjonijiet illi huma pprezentaw ghall-kontro-talba tas-socjetajiet konvenuti. Inoltre ma ingab l-ebda prova rigwardanti dan il-mertu f'dawn l-atti u ghalhekk il-Qorti sejra tiskarta kompletament din is-sottomissjoni tas-socjetajiet attrici.*"

Fir-rikors ta' l-appell is-socjetajiet appellanti laqghu ghal din id-dikjarazzjoni ta' l-ewwel Qorti billi rrilevaw "*li kien biss ricentement u wara s-sentenza ta' l-Appell precitata li l-esponenti gie a konjizzjoni tal-fatt li setgha sar zball fil-kalkoli meta l-imghax gie kalkolat. Illi ma hemmx dubju li l-hlas maghmul indebitament iridu jigu kkunsidrati meta qed isir likwidazzjoni ta' l-ammont li ghadu dovut lill-konvenut; jew ghalinqas isir riserva ghal kwalunkwe azzjoni li tista' tispetta lill-istess attur fuq dan l-ammont.*" Din il-Qorti tapprezza dan l-argument, partikolarment dak dwar il-konsiderazzjoni ta' kull ammont imhallas indebitament; izda tosserva li jispetta lil min qed jallega tali pagament eccessiv ta' imghax li jipprova dan il-fatt u anke jindika, b'mod matematiku, l-ammont hekk imhallas indebitament. Fil-kaz in ezami jidher li l-appellanti naqsu b'mod lampanti. Infatti qatt ma gie prodott ir-rikors tas-socjeta` konvenuta ghall-izbank in kwistjoni cioe` dak tat-22 ta' Dicembru 2003 fl-atti tac-cedola numru 794/2003. Gie ezebit biss rikors sussegwenti cioe` dak tas-6 ta' Frar, 2004 fl-istess atti tac-cedola ta' depositu fejn, filwaqt li saret referenza ghar-rikors precedenti u l-izbank li sehh, saret talba ghal zbank ta' ammont addizzjonali rapprezentanti spejjes tal-kawza. Is-socjetajiet attrici appellanti anqas ma ndenjaw ruhom jaghmlu xi kalkoli biex jindikaw l-ammont reklamat bhala mhallas indebitament. Din il-Qorti, u bhala l-ewwel Qorti, kif huma mistennija li jikkonsideraw talba simili fl-assenza ta' provi konkreti? Ghalhekk l-aggravju relattiv qed jigi dikjarat mhux gustifikat ghalkemm qed issir rizerva favur is-socjetajiet attrici ghal kwalunkwe azzjoni li jkunu jixtiequ jistitwixxu fir-rigward.

**Ikkunsidrat ulterjorment.**

**Dwar il-kontro-talba.**

Fil-kuntratt ta' bejn il-kontendenti ffirmat fis-27 ta' Settembru, 1986 is-socjeta` Chevron, u konsegwentement anke l-garanti B & B Property Development Co. Ltd, obbligaw ruhhom li ma' kull pubblikazzjoni ta' att ta' trasferiment fl-ewwel lok jipprovdu kopja tal-istess kuntratt lis-socjeta` konvenuta u fit-tieni lok li, fi zmien gimgha minn dak it-trasferiment appartenenti lis-socjetajiet imsemmija fl-istess kuntratt, jiddepozitaw nofs il-konsiderazzjoni tal-bejgh – eccetto xi percentwali li kellha tinghata lill-Bank – f'kont mal-Lombard Bank li kellu jinfetah appozitament f'isem is-socjeta` konvenuta. Fin-nuqqas ta' adempiment ta' dawn l-obbligi kien stipulat li l-imsemmija socjeta` tinkorri multa ta' Lm10 kull meta ma jinghatax kopja tal-kuntratt, u penali in forma ta' danni prelikwidati, fis-somma ta' Lm50 ghal kull gimgha jew parti minn gimgha, fil-kaz li ma jigix depozitat l-ammont fil-kont imsemmi.

F'dawn il-proceduri s-socjeta` konvenuta J.E.M. Investments Limited ressqet kontro-talba limitatament ghal-likwidazzjoni u kundanna hlas ta' dawn il-penali billi fl-ewwel lok qed issostni li hi ma nghatatx kopja tal-kuntratt ta' *compro vendita* mis-socjeta` attrici f'diversi okkazzjonijiet, u fit-tieni lok qieghda titlob il-kundanna tas-socjeta` attrici ghall-hlas tal-penali a bazi ta' Lm50 fil-gimgha billi ssostni li f'diversi okkazzjonijiet ma sarux id-depoziti stipulati.

Is-socjeta` attrici fin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha ghall-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta eccepiet, fost affarijiet ohra, il-preskrizzjoni ta' sentejn a tenur ta' l-Artikolu 2153 u ta' hames snin ghat-tenur tal-Artikolu 2156(f), tal-Kodici Civili. Gie eccepit ukoll li n-nuqqas ta' pagament fit-terminu pattwit ma jistax jigi penalizzat bi hlas li jkun jeccedi t-tmienja fil-mija fuq l-ammont dovut u ghalhekk l-penali pretiza hija illecita.

L-ewwel Qorti akkoljiet it-tieni eccezzjoni fuq dak li jipprovdi l-Artikolu 1139 tal-Kodici Civili li jghid li "*jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bhala oggett il-hlas ta' somma determinata, <u>id-danni li jigu mid-dewmien ta' l-ezekuzzjoni taghha</u>* (li huwa l-kaz in ezami) *jkunu jikkonsistu biss fl-*

*imghaxijiet fuq is-somma li jkollha tinghata meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena.*" Id-decizjoni ta' l-ewwel Qorti f'dan ir-rigward hija konfortata minn gurisprudenza estensiva u anke jidher li hija accettata mis-socjeta` konvenuta billi mhux talli ma sar ebda appell fir-rigward izda talli fir-risposta taghha ghall-appell tas-socjeta` attrici l-istess socjeta` konvenuta tiddikjara li s-sentenza hija gusta u timmerita konferma.

Dan stabbilit ghalhekk din il-Qorti jidhrilha li, wara li l-ewwel Qorti skartat il-komputazzjonijiet maghmula mis-socjeta` konvenuta fuq il-bazi tal-Lm50 ghal kull gimgha ta' nuqqas, kien jispetta lil dik il-Qorti li taghmel ezercizzju, jew tistieden lis-socjeta` konvenuta biex tressaq il-provi, biex jigi accertat kemm kien in-nuqqas tas-socjeta` attrici, kemm kienu l-ammonti relattivi, kemm kien hemm granet ta' nuqqas u, wara li tikkomputa l-imghax ta' sitta fil-mija (6%) fuq kull nuqqas hekk determinat, tasal ghas-somma realment dovuta bhala penali ossia danni a tenur ta' l-Artkolu 1139 tal-Kodici Civili.

Dan l-ezercizzju pero` ma sarx u l-ewwel Qorti, b'mod ftit li xejn konvincenti, ddecidiet li s-somma dovuta bhala penali "*ghandha tikkonsisti biss fl-imghaxijiet fuq is-somma ta' hamsin lira fir-rigward ta' kull trasferiment bl-imghaxijiet ta' <u>tmienja fil-mija fis-sena</u> u mid-data ta' gimgha wara kull trasferiment sad-data tal-prezentata tac-citazzjoni odjerna, u din il-penali tammonta ghas-somma ta' sebat elef mitejn u hamsin Lira (Lm7250.00), rapprezentanti hamsin Lira (Lm50) penali dovuta fil-kaz ta' mija u hamsa u erbghin nota, kif imsemmi fl-istess nota ta' osservazzjonijiet tas-socjetajiet konvenuti, bl-imghax ta' tmienja fil-mija dovut fi zmien gimgha wara kull trasferiment sad-data tal-pagament effettiv.*"

Din il-Qorti, ghalkemm ippruvat, ma tistax tifhem dan ir-ragunament ta' l-ewwel Qorti billi jekk, skond dak li jipprovdi l-Artikolu 1139, is-somma ta' Lm50 kellha tigi skartata, kif allura intuzat din il-figura ghall-fini tal-komputazzjoni? Inoltre, kif qed jinghataw imghax fuq is-somma ta' Lm50 jekk din, skond l-ewwel Qorti, kienet tirraprezenta interessi minhabba dewmien fl-ezekuzzjoni

tal-obbligazzjoni? F'dan il-kaz l-ewwel Qorti qeghdha takkorda imghax fuq l-imghax. Finalment minn fejn tirrizulta l-prova li s-socjeta` attrici naqset ghal mija hamsa u erbghin darba milli tottempera ruhha ma' dak li hemm stipulat fil-kuntratt tas-27 ta' Settembru, 1986? Infatti harsa lejn id-dokument JB5 a fol. 133 *et seq.* tal-process, prezentat mill-istess socjeta` konvenuta, juri li, bejn April 1987 u l-25 ta' Ottubru, 1988, is-socjeta` attrici ottemperat ruhha ma' dak li hemm provdut fir-rigward fil-kuntratt tal-1986 billi jidher li dejjem saru d-depoziti fil-Bank kif tiddikjara l-istess socjeta` konvenuta fl-istess dokument.
Jigi osservat inoltre li meta Joseph Borg, ghan-nom tas-socjeta` konvenuta, ikkomputa d-danni dovuti minhabba l-inadempjenza tas-socjeta` attrici li tiddepozita fil-kont tal-Bank, dan illimita ruhu ghall-ghaxar okkazzjonijiet (ara dok. JB3 a fol. 127). Infatti f'dan id-dokument l-istess konvenut ighid espressament hekk:

*"Danni kkalkolati u limitati biss fuq nuqqas ta' ghaxar pagamenti u cioe` dawk dovuti bil-pubblikazzjoni tal-kuntratti ta' nhar: 18/5/1989; 21/6/1989; 27/6/1989; 14/7/1989; 31/7/1989; 18/8/1989; 18/8/1989; 6/9/1989; 10/10/1989; 24/11/1989."*

Allura kif issa l-konvenut qed jippretendi, u hekk gie akkordat mill-ewwel Qorti, danni fuq inadempjenza tas-socjeta` attrici ghall-mija u hamsa u erbghin darba. Tenut kont tal-provi konfliggenti din il-Qorti hija tal-fehma li s-socjeta` konvenuta ma rnexxiliex tipprova dak allegat minnha fir-rigward ta' din il-penali u konsegwentement il-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti, apparti li hija legalment inammissibbli, ghandha tigi revokata.

**Ikkunsidrat:**

Dwar il-penali rikjesta mis-socjeta` konvenuta minhabba nuqqas tas-socjeta` attrici li tipprovdielha kopja ta' kull trasferiment, din il-Qorti ftit li xejn ghandha x'tikkummenta. F'dan ir-rigward Joseph Borg xehed, u anke pproduca n-noti tal-insinwa dwar diversi trasferimenti maghmula mis-socjeta` attrici u socjetajiet ohra konnessi, li fl-okkazzjonijiet kollha, eccetto erbgha, huwa ma nghatax

kopja tal-kuntratt ta' trasferiment. Is-socjeta` attrici mhux qed tikkontesta dan il-fatt, biss issostni li dan l-obbligu ma kellhiex ghal fejn tadempih billi l-istess Joseph Borg kien ikun prezenti waqt il-pubblikazzjoni tal-kuntratti. Issa apparti l-fatt li l-istess Joseph Borg jichad din id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici, huwa ghal kollox irrilevanti jekk kienx ikun prezenti jew le. L-obbligu tas-socjeta` attrici kien li tissuplixxi kopja tal-kuntratt ma' kull trasferiment *sic et simpliciter*. Huwa veru li dan l-obbligu kellu l-iskop li jassigura li Joseph Borg ikun jaf bit-trasferimenti li qed isiru, pero` l-konoxenzza ta' l-istess Joseph Borg b'dawn it-trasferiment, forsi anke ghax kien ikun prezenti, ma jnaqqas xejn mill-obbligu tas-socjeta` attrici li tfornieh b'kopja tal-kuntratti relattivi. Dan l-aggravju ghalhekk ma jidhirx gustifikat.

**Ikkunsidrat:**

Dwar l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mis-socjeta` attrici fin-nota ta' l-eccezzjonijiet ghal kontro-talba tas-socjeta` konvenuta, din il-Qorti ma jidhirliex li s-sottomissjonijiet tas-socjeta` attrici appellanti ghandhom mis-sewwa. Qed jigi sottomess li ghalkemm huwa veru li l-obbligu li jirrizulta minn att pubbliku ma jigix preskritt hlief bid-dekors ta' tletin sena, l-istess ma jistax jinghad ghal hlas dovut wara likwidazzjoni ta' dak l-obbligu. Infatti l-appellanti iggib bhala ezempju l-preskrizzjoni applikabbli fil-kaz ta' hlas ta' cnus li wkoll jirrizultaw minn att pubbliku. Din il-Qorti pero` tosserva li l-Kodici Civili jaghmel distinzjoni bejn il-preskrizzjoni applikabbli ghall-azzjonijiet ghal annati ta' cnus, ta' renti perpetwi eccetera li hija kontemplata fil-paragrafu (a) ta' l-Artikolu 2156, u l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali (bhalma hu dak in ezami) li hi kontemplata fil-paragrafu (f) tal-istess artikolu msemmi fin-nota tal-eccezzjonijiet, billi hemm jinghad li l-preskrizzjoni kwinkwennali mhux applikabbli meta l-obbligu jirrizulta minn att pubbliku. Inoltre, u dan qed jinghad b'referenza ghal dak li gie sottomess mis-socjeta` appellanti, il-likwidazzjoni tal-obbligu naxxenti mill-kuntratt sehh in forza ta' dawn il-proceduri u mhux qabel, u kwindi l-preskrizzjoni qatt ma bdiet tiddekorri. L-istess jinghad fir-

rigward tal-preskrizzjoni a tenur ta’ l-Artikolu 2153. Dan l-aggravju ghalhekk ma jidhirx gustifikat.

**Decide:**

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tas-socjetajiet attrici qed jigi milqugh biss in parte billi qed tigi revokata dik il-parti tas-sentenza appellata fejn is-socjeta` attrici giet ikkundannata thallas lis-socjeta` konvenuta s-somma ta’ sebat elef mitejn u hamsin Lira Maltin (Lm7,250.00) ekwivalenti ghas-somma ta’ sittax-il elf tmien mija u sebgha u tmenin Ewro u sitta u disghin centezimi ta’ Ewro (€16,887.96); mentri l-istess sentenza qed tigi konfermata ghal bqija, inkluz il-kap tal-ispejjez. L-ispejjez ta’ dan l-appell fic-cirkostanzi, u anke minhabba l-komplessita` tal-kaz, ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-kontendenti, cioe` nofs jithallsu mis-socjetajiet attrici appellanti solidament bejniethom, u n-nofs l-iehor mis-socjetajiet konvenuti appellati solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------